

Brussell, 28 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7369/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0037 (NLE)

---

---

PECHE 90

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett:           REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

---

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) .../2022**

**ta'...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022  
l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta'  
stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti  
tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109<sup>1</sup> jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Fil-21 ta' Diċembru 2021, l-Unjoni qablet mar-Renju Unit dwar l-istabbiliment ta' għadd kbir ta' qabdiet totali permissibbli (total allowable catches - TACs) għall-2022 għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit (FKK)<sup>2</sup>. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat fir-Rekord bil-Miktub, li ġie approvat mill-Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2021 u ffirmat fl-istess jum mill-Kap tad-Delegazzjoni tar-Renju Unit u mir-rappreżentant tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 498(6) tal-FKK u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).

- (3) Ir-Rekord bil-Miktub huwa riżultat ta' konsultazzjonijiet imwettqa mill-Unjoni mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 498(2), l-Artikolu 498(4), punti (a) sa (d), u l-Artikolu 498(6) tal- FKK, mal-obiettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2, 3, 28 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolamenti (UE) 2019/472<sup>2</sup> u 2018/973<sup>3</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Deċizzjoni (UE) 2021/1875<sup>4</sup>. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kienet ibbażata matul il-konsultazzjonijiet fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli kif previst mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) f'konformità mal-Artikolu 494(3), punt (c), tal-FKK.
- (4) Għalhekk huwa meħtieġ li t-TACs proviżorji li ġew stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/109 jiġu sostitwiti f'konformità mal-opportunitajiet tas-sajd miftiehma fir-Rekord bil-Miktub u li jiġu implimentati miżuri oħra li huma funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd miftiehma wkoll fir-Rekord bil-Miktub.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

<sup>4</sup> Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).

- (5) Tali opportunitajiet tas-sajd għall-2022 ser jippermettu attivitajiet tas-sajd sostenibbli għall-ambjent fit-tul, ġestiti bil-għan li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjegi u jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel, inkluż il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operatori tal-Unjoni fejn l-istokkijiet huma kondiviżi mar-Renju Unit.
- (6) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES, waqt li jivvalutahom mar-rendiment massimu permissibbli ( maximum sustainable yield – MSY), ħareġ parir xjentifiku biex ma jsir ebda qbid. Jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell indikat fit-tali parir xjentifiku, l-obbligu li f'sajd imħallat jinħattu l-art il-qabdiet kollha kemm fl-ilmijiet tal-Unjoni kif ukoll f'tar-Renju Unit, inkluż il-qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet, iwassal għall-fenomeni ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex tiġi bbilanċjata l-hteġa għall-kontinwazzjoni ta' dak is-sajd imħallat fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi tal-interruzzjoni sħiħa ta' dak is-sajd mal-hteġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, u filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY fl-istess ħin, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għall-qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Dawk it-TACs jenħteġ li jkunu stabbiliti f'livell li jnaqqas il-mortalità għal dawk l-istokkijiet u li jipprovdi inċentivi għal titjib fis-selettività u fl-evitar. Il-livelli tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jenħteġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-Rekord bil-Miktub sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operatori tal-Unjoni filwaqt li jiġi previst l-irkupru sinifikanti tal-bijomassa ta' dawk l-istokkijiet.

- (7) Peress li l-bijomassa ta' ċerti stokkijiet ta' linarda (BLI/12INT, BLI/24, BLI/03A), bakkaljaw (COD/5BE6A, COD/7XAD34), aringa (HER/7G-K), u merlangu (WHG/07A) huma taħt il-punti ta' referenza tal-bijomassa ( $B_{lim}$ ), l-Unjoni u r-Renju Unit qablu fir-Record bil-Miktub li huwa meħtieġ li l-Istati Membri ma japplikawx l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet għal trasferimenti mill-2021 għall-2022, sabiex il-qabdiet fl-2022 ma jaqbżux it-TAC stabbilita għal dawk l-istokkijiet. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li l-istess japplika għal stokk wieħed ta' mazzola griża (DGS/15X14), li hija speċi pprojbita skont l-Artikolu 18(1), punt (o), tar-Regolament (UE) 2022/109.
- (8) L-Unjoni fittxet mar-Renju Unit li ssib l-ogħla livell possibbli ta' konverġenza fl-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, inkluż l-eżenzjonijiet *de minimis* u tas-sopravivenza, biex tiżgura l-aderenza mal-objettivi ta' konservazzjoni u kundizzjonijiet ekwivalenti. L-opportunitajiet tas-sajd li ġew miftiehma mar-Renju Unit għall-istokkijiet ta' speċijiet li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art iqisu l-fatt li fil-prinċipju, l-iskartar ma għadux permess. Għalhekk, l-ammonti li, b'eċċezzjoni, jistgħu jibqgħu jiġu skartati waqt l-operazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, ġew imnaqqsa miċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali kif previst mill-ICES.

- (9) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jkomplu l-approċċ żviluppat għall-konservazzjoni tal-istokk tat-Tramuntana tal-ispnott Ewropew (*Dicentrarchus labrax*), kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/92<sup>1</sup>. Skont dak l-approċċ, il-pessjoni kumplessiva tas-sajd fuq l-istokk għandha tibqa' taħt, jew ugwali għal, dik rakkomandata mill-ICES. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri ta' limitazzjoni ta' qbid għal dak l-istokk ikomplu jiġu stabbiliti għall-2022 fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7a u 7d sa 7h tal-ICES. Fid-dawl tal-parir mogħti mill-ICES, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jiżdiedu l-limiti ta' qbid għall-attivitajiet tas-sajd bl-użu tas-snanar u x-xlief, u tal-għeżul fuq il-lasti. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li l-limiti ta' kull xahar għax-xbieki tat-tkarkir u għat-tartaruni, jinbidlu għal kull xahrejn. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li jagħtu prijorità lit-titjib tal-għodda ta' valutazzjoni tal-ICES għall-ispnott Ewropew sabiex jippermettu kalkoli ta' tbassir abbażi tal-mudelli tal-MSY. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li huwa meħtieġ li jinżammu l-miżuri eżistenti ta' limitazzjoni tal-qbid applikabbli għas-sajd rikreattiv. Minħabba li l-limiti proviżorji ta' qbid issa qed jiġu sostitwiti b'limiti tal-qbid għas-sena sħiħa, il-miżuri rilevanti ta' limitazzjoni tal-qbid jenħtieġ li jkopru wkoll il-perjodu mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2022.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jstabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f' ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

- (10) Ir-Regolament (UE) 2022/109 jipprevedi tiġdid tal-ġheluq staġunali fl-2022 għas-sajd taċ-ċiċċirell (*Ammodytes* spp.) bl-użu ta' ċertu rkaptu rmunkat fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. Minħabba li t-TAC proviżorja, li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022, issa ser tiġi sostitwita b'TAC definittiva għas-sena sħiħa, il-perjodu ta' ġheluq applikabbli jenħtieġ li jkopri wkoll il-perjodu mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (11) Fir-Regolament (UE) 2022/109, it-TAC għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES, ġew stabbiliti għal żero sakemm jiġi ppubblikat il-parir xjentifiku rilevanti, ipprovdut mill-ICES, li sar disponibbli fil-25 ta' Frar 2022. F'konformità mal-proċedura prevista fil-FKK, l-Unjoni kellha konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit dwar il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES għall-2022. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu dwar qabda totali permissibbli ta' 167 558 tunnellata, li għandha titqassam fis-seba' żoni kollha ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li jimmonitorjaw it-TACs fiż-żoni ta' ġestjoni 1r u 4, u li jkomplu n-noti f'qiegħ il-paġna b'perċentwali tal-qabdiet aċċessorji għall-qabdiet tal-merlangu u tal-kavalli. Barra minn hekk, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li l-ibbankjar ta' kwoti mhux utilizzati bejn is-snin jenħtieġ li japplika fil-livell taż-żona ta' ġestjoni. Fl-aħħar nett, fil-każ taċ-ċiċċirell fiż-żona ta' ġestjoni 4 (SAN/234\_4), l-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li fl-2022 ma jistgħux jinqabdu aktar minn 800 tunnellata ta' kwota mhux utilizzata allokata għall-2021.

- (12) Ir-Regolament (UE) 2022/109 jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għall-aringi tal-Baħar tat-Tramuntana (*Clupea harengus*). Dawk l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu aġġustati biex isiru konformi mal-kriterju ta' allokkazzjoni storika għall-Iżvezja kif stipulat fl-Artikolu 121(1) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju tal-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, kif modifikat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/1/KE, Euratom, KEFA<sup>2</sup>.
- (13) Ir-Regolament (UE) 2022/109 jistabbilixxi TAC proviżorja għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżona 8 tal-ICES li tapplika mill-1 ta' Jannar 2022 sat-30 ta' Ġunju 2022, sakemm ikun disponibbli parir xjentifiku. L-ICES ħareġ il-parir xjentifiku għal dak l-istokk għall-2022 fis-17 ta' Diċembru 2021. Għalhekk, jenħtieġ li t-TAC għal dak l-istokk għall-2022 tiġi emendata f'konformità ma' dak il-parir.
- (14) Ir-Regolament (UE) 2022/109 stabbilixxa, għall-ewwel tliet xhur tal-2022, kwota proviżorja tal-Unjoni ta' 4 500 tonnellata għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fl-ilmijiet ta' Spitzbergen (Svalbard) u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES. Peress li għaddejnin diskussjonijiet man-Norveġja dwar aċċess ugwali u nondiskriminatorju għall-ilmijiet ta' Svalbard għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw f'dik iż-żona, huwa xieraq li l-Unjoni testendi l-perjodu tal-applikazzjoni ta' dik il-kwota tal-Unjoni ta' 4 500 tonnellata sat-30 ta' April 2022.

---

<sup>1</sup> Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju tan-Norveġja, r-Repubblika tal-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 9).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni 95/1/KE, Euratom, KEFA tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Jannar 1995 li taġġusta l-istrumenti rigward l-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1).

- (15) Il-kwota tal-Unjoni għall-alonga tal-Mediterran (*Thunnus alalunga*) ġiet iddeterminata proviżorjament fl-10 ta' Frar 2022 mill-Grupp ta' Ħidma tal-il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) iddedikat għall-istabbiliment tal-koeffiċjent tal-kriterju tal-allokkazzjoni fil-livell tal-ICCAT, skont il-paragrafu 3 tar-Rakkomandazzjoni 21-06 tal-ICCAT, u ser tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-ICCAT fil-laqgħa annwali tagħha fl-2022. Il-kwota tal-Unjoni għall-alonga tal-Mediterran u l-allokkazzjoni interna tagħha jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Unjoni nnotifikat lill-ICCAT bl-għażliet tagħha tal-perijodi tal-għeluq u s-sena ta' referenza għal-limitazzjoni tal-kapaċità li għandha tiġi applikata fir-rigward tas-sajd tal-Unjoni għall-alonga tal-Mediterran. Dawk l-għażliet jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (16) Il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni li jistadu għat-tonn (*Thunnus thynnus*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT u l-input u l-kapaċità massima għall-irziezet tat-tonn huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fil-pjan annwali tas-sajd, fil-pjan annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità u fil-pjan annwali għall-ġestjoni tat-trobbija tat-tonn. L-Istati Membri jittrażmettu dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. L-isforz tas-sajd u l-kapaċità massima tal-input u tat-trobbija tal-ħut imbagħad jiġu rrapportati mill-Kummissjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT permezz tal-pjan tal-Unjoni għas-sajd u għall-ġestjoni tal-kapaċità għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-ICCAT. Fit-3 ta' Marzu 2022, l-ICCAT approvat il-pjan tal-Unjoni għas-sajd u għall-ġestjoni tal-kapaċità. L-isforz tas-sajd u l-kapaċità massima tal-input u tat-trobbija tal-ħut li jinsabu f'dak il-pjan jnħtieg li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

- (17) Il-kwoti għal Stati Membri individwali għal ċerti stokkijiet ġew stabbiliti abbażi tal-kwota totali tal-Unjoni għall-2022 kif iddeterminata mill-ICCAT qabel kwalunkwe trasferiment ta' kwoti mhux użati. Il-kwota tal-Unjoni għall-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet ġiet aġġustata matul il-laqgħa annwali tal-ICCAT f'Novembru 2021 f'konformità ma' diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li skonthom l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwali stabbilita tal-kwota mhux użata tagħha tal-opportunitajiet tas-sajd mill-2020 għall-2022. Il-kwoti għall-Istati Membri individwali għal dawk l-istokkijiet jenħtieġ li jqisu r-riporti tal-kwoti tal-Unjoni mhux użati permessi mill-ICCAT qabel il-bidu tal-istaġuni tas-sajd għal dawn l-istokkijiet. Għalhekk, il-kwoti għall-alonga tat-tramuntana (*Thunnus alalunga*) (ALB/AN05N), għall-alonga tan-nofsinhar (ALB/AS05N), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT), għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N) u għall-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N (SWO/AS05N) jenħtieġ li jiġu emendati biex jirriflettu tali aġġustament, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-istabbiltà relattiva. Barra minn hekk, ċerti miżuri li huma funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jinżammu sabiex jiġu rispettati l-impenji internazzjonali tal-Unjoni.
- (18) In-numri fil-punt 6 tal-Anness VI għar-Regolament (UE) 2022/109 jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jirriflettu l-ftehimiet konklużi bejn ċerti Stati Membri biex temporanjament jittrasferixxu bejniethom, esklużivament għas-sena 2022, ċerti ammonti ta' kapaċità u input għat-trobbija tat-tonn. Dawk il-bidliet ġew notifikati lill-ICCAT fil-pjan tat-trobbija tal-ħut tal-Unjoni u ma jaffettwawx il-kapaċità totali tat-trobbija tal-ħut u l-kapaċità ta' input tal-Unjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

- (19) Fl-10 laqgħa annwali tagħha fl-2022, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinar tal-Paċifiku (SPRFMO) adottat limiti ta' qbid għas-sawrell ikħal (*Trachurus murphyi*) u żammet is-sajd esploratorju għall-pixxisinna (*Dissostichus spp.*). Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (20) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) irrevédiet il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati preċedentement. Ir-Regolament (UE) 2022/109 diġà implimenta dawk il-miżuri fil-liġi tal-Unjoni, ħlief għal-limiti tal-qbid riveduti għat-tonna safra (*Thunnus albacares*). Is-Segretarjat tal-IOTC ikkonferma l-limiti tal-qbid riveduti għat-tonna safra fis-17 ta' Diċembru 2021 wara tmiem il-perijodu ta' oggjezzjoni. Il-limiti tal-qbid riveduti ma għadhomx limitati għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, u issa jinkludu l-irkapti kollha involuti fis-sajd għat-tonn isfar. Dawk il-limiti tal-qbid riveduti jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Peress li għadu ma ntlaħaqx ftehim fost l-Istati Membri involuti dwar l-aktar mod xieraq kif jiġu kondiviżi l-limiti tal-qbid riveduti, jenħtieġ li jiġi attribwit biss porzjon inizjali tal-kwota tal-Unjoni u jenħtieġ li l-porzjon li jifdal jiġi attribwit permezz ta' emenda sussegwenti tar-Regolament (UE) 2022/109 ladarba jintlaħaq ftehim fost l-Istati Membri.

- (21) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jżommu l-listi eżistenti ta' speċijiet ipprojbti biex jiġu protetti milli jinqabdu.
- (22) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/109 jiġi emendat skont dan.
- (23) Il-limiti ta' qbid previsti fir-Regolament (UE) 2022/109 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-limiti ta' qbid japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu jew għadhom ma ġewx eżawriti. Minħabba l-urġenza biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2022/109 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 7 jitħassar;
- (2) l-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

### *"Artikolu 11*

*Miżuri għas-sajd tal-ispnott fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES u fis-subżona 7 tal-ICES*

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll għal kwalunkwe tip ta' sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt li jistadu għall-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES u fis-subżona 7 tal-ICES jew li jżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-qabdiet aċċessorji tal-ispnott f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali bix-xbieki fuq l-art. Din l-eżenzjoni tapplika għal numri storiċi ta' xbieki tax-xtut stabbiliti fil-livelli ta' qabel l-2017. L-attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mix-xatt ma għandux ikollhom l-ispnott fil-mira tagħhom u jistgħu jinħattu l-art biss qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-ispnott.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2022 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2022, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott maqbud f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti segwenti:
- (a) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir demersali<sup>1</sup>, għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux is-760 kilogramma kull xahrejn kalendarji (Jannar u April; Mejju u Ġunju; Lulju u Awwissu; Settembru u Ottubru; Novembru u Diċembru) u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi tal-baħar abbord maqbuda miill-bastiment ikkonċernat għal kull vjaġġ tas-sajd;
  - (b) bl-użu tat-tartaruni<sup>2</sup>, għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux is-760 kilogramma kull xahrejn kalendarji (Jannar u April; Mejju u Ġunju; Lulju u Awwissu; Settembru u Ottubru; Novembru u Diċembru) u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi tal-baħar abbord maqbuda mill-bastiment ikkonċernat għal kull vjaġġ tas-sajd;
  - (c) bl-użu tas-snanar u x-xlief<sup>3</sup>, li ma jaqbżux il-5,95 tunnellati għal kull bastiment;
  - (d) l-użu tal-għeżul fuq il-lasti<sup>4</sup>, għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' mhux aktar minn 1,5 tunnellata għal kull bastiment.

---

<sup>1</sup> It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir demersali (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).

<sup>2</sup> It-tipi ta' tartaruni kollha (SSC, SDN, SPR, SV, SB u SX).

<sup>3</sup> Is-sajd kollu bil-konzijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief (LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS).

<sup>4</sup> L-għeżul fuq il-lasti u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).

Id-derogi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, punt (c), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnott bl-użu tas-snanar u x-xlief fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

Id-derogi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, punt (d), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnott bl-użu tal-għeżul fuq il-lasti fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li daww id-derogi japplikaw għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni ieħor dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għal kull waħda mid-derogi u l-kapaċità tas-sajd kumplessiva tagħhom ma jiżdidux.

4. Il-limiti ta' qbid stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti u, lanqas minn perjodu ta' xahrejn kalendarju għal ieħor, fejn japplika limitu ta' kull xahrejn.

Għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw aktar minn irkaptu wieħed f'xahrejn kalendarji, għandu japplika l-limitu ta' qbid l-aktar baxx stabbilit fil-paragrafu 3 għal kull irkaptu.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull qabda tal-ispnott skont it-tip ta' rkaptu sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-tmiem ta' kull xahar.

5. Fis-sajd rikreattiv, inkluż dak li jsir minn max-xatt, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 6a u 7a sa 7k tal-ICES:
- (a) mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar 2022 u mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2022:
    - (i) għall-ispnott għandu jkun permess biss is-sajd ta' qbid u rilaxx b'qasba jew bi xliet;
    - (ii) għandu jkun ipprojbit li jinżamm, li jiġi rilokat, li jiġi trazzbordat jew li jinħatt l-art l-ispnott li jinqabad f' dik iż-żona;
  - (b) mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Novembru 2022:
    - (i) mhux aktar minn żewġ eżemplari ta' spnott jistgħu jinqabdu u jinżammu għal kull sajjied kuljum;
    - (ii) id-daqs minimu tal-ispnott miżmum għandu jkun ta' 42 cm;
    - (iii) ma għandhomx jintużaw xbieki fissi biex jinqabad jew jinżamm l-ispnott.
6. Il-paragrafu 5 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti dwar is-sajd rikreattiv.";

(3) l-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 15*

*Staġuni magħluqa għas-sajd għaċ-ċiċċirelli*

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell (*Ammodytes* spp.) bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, b' tartaruni jew b'irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16-il mm, għandu jkun ipprojbit fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022 u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2022.";

(4) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-provvista għandu jkun tliet bastimenti tal-provvista b'appoġġ għal mill-inqas għaxar bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, li lkoll għandhom itajru l-bandiera ta' Stat Membru. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-Istati Membri li jużaw bastiment wieħed biss tal-provvista.";

(5) l-Anness IA huwa emendat f'konformità mal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(6) l-Anness IB huwa emendat f'konformità mal-Anness II għal dan ir-Regolament;

(7) l-Anness IC huwa emendat f'konformità mal-Anness III għal dan ir-Regolament;

(8) l-Anness ID huwa emendat f'konformità mal-Anness IV għal dan ir-Regolament;

- (9) l-Anness IH huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness V għal dan ir-Regolament;
- (10) l-Anness IJ huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness VI għal dan ir-Regolament;
- (11) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness VII għal dan ir-Regolament;
- (12) l-Anness VI huwa emendat f'konformità mal-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---